TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 284/13-F

**Carmen Zarb**

**vs**

**Charlie Mallia eżerċenti l-kummerċ bħala Do It All**

Illum 1 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Diċembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħamsin ewro (€50), rappreżentanti prezz tat-tibdil tal-*ignition* peress illi ċ-ċavetta li kienet għadha kif ġiet ikkupjata ma setgħetx tinqala' mill-*ignition.*

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ħadet iċ-ċavetta għand l-intimat sabiex tagħmel kopja tagħha pero' meta ppruvat din iċ-ċavetta ma setgħetx tinqala' mill-*ignition.* Illi kellha ġġib lil tat-*towing* sabiex ibiddel l-*ignition set* u kien hemm danni ta' ħamsin ewro (€50).

L-intimat issottometta illi ċ-ċavetta ma nqalgħetx għax kien hemm bżonn apparat biex issir iċ-ċavetta bl-*immobiliser* u li ma setax jagħmilha għax ma kellux dan l-apparat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi jekk l-intimat huwa f'dan ix-xogħol għandu jkun jaf x'tip ta' ċavetta għandu bżonn, u jekk għandha bżonn *immobiliser*, kellu l-obligu li jinforma lir-rikorrenti u ma jagħmilx il-kopja.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' ħamsin ewro (€50), u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888